MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Avviz Numru. 118/2005

**P. Cutajar & Co. Ltd**

**Vs**

**Jesmond Sant f'ismu proprju u kif ezercenti fil-kummerc il-hanut bl-isem 'Save & Smile' u b'digriet tas-17 ta Novembru 2005 giet kjamata 'n kawza Rita Sant**

**Il-Qorti:-**

Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' elf seba' mija tmienja u tmenin lira, tmienja u erbghin centezmu Maltin (LM1,788.48) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid numru 462/05 u bl-imghaxijiet legali sad-

data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-eccipjent Jesmond Sant innifsu, huma nfondati stante li d-dejn allegat mis-socjeta attrici semmai huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti w ghaldaqstant ikun opportun jekk tigi kjamata l-mara tal-istess eccipjent u cioe Rita Sant.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2005 **xehed Ernest Spiteri Gonzi**, il-*financial controller* tas-socjeta attrici u esebixxa *statement* dettaljat li gie markat bhala Dok. ES 1, li jindika li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici is-somma mitluba fl-avviz. Huwa esebixxa wkoll d-dokumenti kollha relattivi ghal dan il-kont, bil-fatturi kollha relattivi w anke *application* ghal *credit* maghmula mill-istess konvenut, liema dokumentazzjoni tindika li kien il-konvenut li kien jordna u jixtri l-merkanzija minghand is-socjeta attrici. F'dan l-i*statement* hemm indikat l-pagamenti kollha li effettivament kien jghamel il-konvenut.

Illi fl-istess seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru 2005, il-konvenut talab il-kjamat in kawza ta' martu Rita Sant u dan ghaliex bejniethom kienu ghaddejja proceduri ghas-separazzjoni personali, l-atturi ma oggezjonawx u l-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba u ordnat in-notifika tal-kjamat in kawza bl-avviz u bl-appuntament.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru 2006, Rita Sant ipprezentat it-twegiba taghha w eccepiet is-segwenti:-

Illi qabel xejn hija tinsab separata minn zewgha Jesmond Sant li ilu zmien li telaq mid-dar taz-zwieg.

Illi l-esponenti m'ghandhiex x'taqsam mat-tmexxija tal-hanut 'Save 'n Smile' li fil-fatt jitmexxa minn zewgha Jesmond Sant.

Illi ghalhekk hija mhiex responsabbli tad-djun li qed itella' zewgha.

Salv eccezzjonijiet ohra.
Rat is-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2008 fejn din il-Qorti kif preseduta kienet cahdet l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti u laqghet it-talbiet tas-socjeta attrici b'dan illi kkundannat lill-konvenuti jhallsu 'n solidum lis-socjeta attrici s-somma ndikata fl-avviz u cioe LM1,788.48.

Rat ir-rikors ta' Appell ta' Rita Sant fejn talbet lil Qorti tal-Appell tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fis-sens li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici jithallas mill-konvenut Jesmond Sant, izda tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil appellant kjamata 'n kawza thallas l-ammont imsemmi fl-avviz in solidum ma zewgha l-konvenut Jesmond Sant.

Rat ir-risposta tas-socjeta appellat fejn l-istess socjeta talbet li s-sentenza moghtija minn din il-Qori nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 2008 tigi konfermata fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sant kif ukoll fil-konfront tal-appellanti Rita Sant, principalment a bazi tal-fatt li l-kreditu tas-socjeta attrici huwa naxxenti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-konvenut Jesmond Sant u martu Rita Sant.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2008 fejn dik il-Qorti ikkonfermat is-sentenza appellata 'n kwantu kkundannat lil konvenut Jesmond Sant ihallas lis-socjeta attici s-somma msemmija fl-avviz, pero fir-rigward l-kjamata 'n kawza Rita Sant, ordnat li l-atti jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti sabiex l-istess Rita Sant tinghata l-opportunita li tressaq il-provi w sottomissjonijiet taghha.

Rat illi ghalhekk din il-kawza kienet giet appuntata ghall-ghaxra (10) t’Ottubru 2008 pero kienet giet differita b’ordni taghha ghat-tlettax (13) t’Ottubru 2008.

Illi f’din is-seduta kienet dehret biss l-avukat tas-socjeta attrici w ghalhekk il-kawza kienet giet differita sabiex il-partijiet jigu notifikati bir-riappuntament tal-kawza.

Illi nhar it-tmintax (18) ta’ Novembru 2008, is-socjeta rikorrenti kienet talbet lil din il-Qorti sabiex tinnotifika lill-konvenut Jesmond Sant u l-kjamata ‘n kawza Rita Sant, permezz ta’ notifika bil-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Jannar 2009 kien deher estratt dwar din il-kawza fil-Gazetta tal-Gvern (fol. 80) fejn b’hekk l-konvenut u kjamata ‘n kawza gew notifikati bir-riappuntament tal-kawza permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illi nhar l-erbgha (4) ta’ Dicembru 2008 il-konvenut u kjamata ‘n kawza kienu gew notifikati bir-riappuntament tal-kawza permezz tal-procedura tal-affissjoni fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, fil-Kunsill Lokali tal-Mosta u fl-ahhar residenza maghrufa mir-rikorrenti taghhom (fol tergo 81).
Illi nhar l-erbgha (4) ta’ Frar 2009 l-Prokuratur Legali Jonathan De Maria ghan-nom tas-socjeta attrici, pprezenta rikors fejn talab li l-ispejjez tal-publikazzjoni fil-gazetti lokali, jigu addebitati lill-intimat u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat illi l-konvenut u kjamata in kawza gew ukoll notifikati bir-riappuntament tal-kawza permezz t’estratt li gie ppublikat fil-gazzetta lokali ‘*The Times’* datata tlieta (3) ta’ Frar 2009 (Dok. B fol 85).

Rat illi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta’ Marzu 2009, ghal meta kienet giet imhollija l-kawza ghas-smiegh tal-provi, l-konvenut u l-kjamata ‘n kawza, ma dehrux sabiex jikkontestaw it-talbiet attrici.

Rat illi ghalhekk l-kjamata 'n kawza ma ressqet l-ebda prova 'n sostern tal-eccezzjonijiet taghha, minkejja li giet moghtija zmien xieraq mill-Qorti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti ghal darb'ohra qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-kjamata 'n kawza Rita Sant thallas is-somma ndikata fl-avviz fl-ammont ta' LM1,778.48 ekwivalenti ghal erbat elef mija tnejn w erbghin euro u tmenin euro centezmu (€4142.80) lis-socjeta attrici 'n solidum ma zewgha l-konvenut Jesmond Sant.**

**L-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati mill-konvenut u l-kjamata 'n kawza 'n solidum.**

**Bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------